Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,332, 17 ta' Jannar, 2020
Taqsima B

A.L. 14 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Education for Cultural Mediation taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Education for Cultural Mediation taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Education for Cultural Mediation;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Education for Cultural Mediation;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għad-Diploma in Education for Cultural Mediation; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2020 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikat fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

(2) L-applikanti li jidħlu bħala "Studenti Adulti" skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandhom ikunu għaddew f'testijiet ta' profiċjenza fil-Lingwa Ingliża u fil-Lingwa Maltija kif approvat mill-Fakultà tal-Edukazzjoni. L-applikanti li għandhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla, jew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola fl-Ingliż u l-Malti bi Grad Ċ jew ogħla, jkunu eżentati milli joqogħdu għal dawn it-testijiet ta' profiċjenza. Fil-każ tal-Ingliż, jekk l-applikanti jkollhom l-istess livell fi kwalifika komparabbli, dawn jiġu aċċettati wkoll.

(3) L-applikanti kollha għandu jkollhom kompetenza ta' kelliem nattiv fit-tielet lingwa għajr il-Malti jew l-Ingliż. Kelliema nattiva fil-Lingwa Maltija jew fil-Lingwa Ingliża għandu jkollhom ċertifikat fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla f'suġġett ta' lingwa għajr fil-Malti u fl-Ingliż. Jekk l-applikanti jkollhom l-istess livell fi kwalifiki komparabbli, dawn jiġu aċċettati wkoll.

(4) L-applikanti kollha huma meħtieġa jissodisfaw lill-Bord, permezz ta' intervista, li huma laħqu d-dispożizzjoni meħtieġa biex isegwu l-Kors bi profitt. Il-bord tal-intervisti maħtur mil-Bord għandu jkun magħmul minn tliet membri.

(5) Flimkien mal-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti kollha huma meħtieġa jissottomettu ittra miktuba bl-Ingliż fejn jagħtu l-motivazzjoni tagħhom biex applikaw għall-Kors u kopja tal-*Curriculum Vitae* tagħhom.

(6) L-applikanti kollha jridu jagħtu prova li huma kienu residenti f'Malta għal mill-anqas tmien (8) snin qabel il-bidu tal-Kors.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' erba' semestri ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti f'għadd ta' taqsmiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS.

6. Il-Bord għandu jippubblika il-programm ta' studju mfassal skont id-dispozizzjoijiet tar-Regolamenti Prinċipali u l-approvazzjoni tas-Senat. Suġġett għal

tibdliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju.

7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet studju preskritti li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 30 krettu ECTS u li jew jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jtemmux il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti taċ-Ċertifikat.

8. L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma jekk jiksbu s-60 krettu ECTS kif indikat fil-programm ta' studju tal-Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

9. (1) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-iskop tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba waqt il-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

(3) Iċ-Ċertifikat jingħata mingħajr klassifikazzjoni.